**27 ta' Frar, 1961**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.**

Giuseppa Farrugia

*versus*

Paul Farrugia

**Komunjoni tal-Akkwisti — Likwidazzjoni ta' Assi — Liċenza.**

*Huwa paċifiku fil-ġurisprudenza tagħna illi l-Qrati ma jistgħux jindaħlu fid-diskrezzjoni tal-Awtorità Amministrattiva rigward l-opportunità u l-ġustizzja tal-konċessjoni jew renova tal-liċenzi, salv dejjem il-każ li jkun hemm preġudizzju għad-drittijiet tat-terzi. Imma, meta l-kwistjoni hija jekk wieħed mill-partijiet għandux id-dritt li jkompli jżomm f'ismu l-permess ta' ħanut li hemm kwistjoni fuqu, il-Qorti tista' tindaħal.*

*Fl-istess ħin, ma hux leċitu illi, qabel ma ssir il-firmazzjoni u likwidazzjoni ta' assi, wieħed mill-interessati jitlob, b'ġudizzju separat, illi jiġi rikonoxxut bħala komparteċipi fi kwota ta' xi sustanzi komponenti dak l-assi; u dan il-prinċipju jassumi mportanza akbar meta ma jkunux parti fil-ġudizzju l-interessati kollha.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attriċi, wara li ppremettiet illi l-permess tal-Pulizija "to sell draperies, bazaar articles, haberdashery and ready-made clothes" fuq

il-post numru 147, Cospicua Road, Pawla, qiegħed fuq isem il-konvenut għal raġunijiet li jiġu esposti tul it-trattazzjoni tal-kawża, għaliex proprjament dan il-permess huwa tal-mejjet Salvatore Farrugia, ġa r-raġel u missier tal-kontendenti rispettivament; peress li l-konvenut mhux qiegħed juża dan il-permess, anzi għall-kuntrarju qegħdha tħallsu l-istess attriċi, li bħala usufruttwarja ġenerali tal-istess żewġha trid li jiġi mdawwar fuq isimha, ħalli tkun tista' tużah hija; peress li l-konvenut inġustament u arbitrarjament ma jridx idawwar dan il-permess kif talbitu l-attriċi; prevja kwalunkwe dikjarazzjoni neċessarja, speċjalment dik li l-istess permess, għad li qiegħed fuq isem il-konvenut, mhux tiegħu, u mogħti kull provvediment opportun, talbet li l-konvenut, għar-raġunijiet premessi, jiġi kundannat li fi żmien qasir u perentorju jirrilaxxja u jħalli a favur tal-attriċi l-imsemmi fuq permess tal-Pulizija; salva kull azzjoni oħra kontra l-konvenut spettanti lill-attriċi (dok. A). Bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, dwar l-ewwel eċċezzjoni opposta mill-konvenut;

Illi huwa ormaj paċifiku fil-ġurisprudenza tagħna illi l-Qrati ma jistgħux jindaħlu fid-diskrezzjoni tal-Awtorità Amministrattiva rigward l-opportunità u l-ġustizzja tal-konċessjoni jew renova tal-liċenzi — salv dejjem il-każ li jkun hemm preġudizzju għad-drittijiet tat-terzi; iżda fil-każ preżenti l-kwistjoni tirrigwarda biss jekk il-konvenut għandux jew le d-dritt li jkompli jżomm il-permess tal-ħanut "de quo" f'ismu bħal ma kien fiż-żmien li kien ħaj Salvatore Farrugia, missieru, li dawru fuqu, u li ħalla lill-attriċi martu użufruttwarja tal-ġid kollu tiegħu, kompriż sehmu minn dak il-ħanut. L-attriċi mhix qegħdha titlob ħaġ'oħra ħlief li, kif spjegat aħjar fil-verbal fol. 31, il-konvenut jagħti l-kunsens tiegħu biex il-permess idur fuq isimha. Għalhekk l-eċċezzjoni tal-konvenut mhix f'lokha, u qegħda tiġi respinta; bl-ispejjeż;

Ikkunsidrat, dwar it-tieni eċċezzjoni opposta mill-konvenut;

illi, in sostanza, il-kontestazzjoni tirrigwarda l-proprijetà tal-permess "de quo". L-attriċi tgħid illi l-ħanut inbena u sar minn żewġha fil-kors taż-żwieġ, u l-permess kien fuq ismu, iżda dawru fuq il-konvenut ibnu għaliex, bħala mpjegat mal-Gvern Ċivili, kellu jobdi għar-regolament li kien ħareġ ta' "one man one job"; il-konvenut, minn naħa tiegħu jippretendi illi, malli hu għalaq it-tmientax il-sena, missieru qallu li kien irid jagħtieh il-ħanut bħala dota, u dawwar l-permess fuqu. Din il-kwistjoni indubbjament tolqot il-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn l-attriċi u Salvatore Farrugia, żewġha, kif ukoll l-assi ereditarju tal-istess Salvatore Farrugia; u dawn l-assijiet, kif jidher minn nota tal-attriċi fol. 38 u mill-verbal tal-lum, għadhom ma ġewx likwidati skond il-liġi. Issa, huwa prinċipju rikonoxxut mill-Qrati Tagħna illi, qabel ma ssir il-firmazzjoni u likwidazzjoni ta' assi, mhux leċitu li wieħed mill-interessati jitlob, b'ġudizzju separat, illi jiġi rikonoxxut bħala komparteċipi fi kwota ta' xi sustanzi komponenti dak l-assi; u dan il-prinċipju jassumi mportanza akbar meta, kif fil-każ preżenti ma jkunux parti fil-ġudizzju l-interessati kollha (ara f'dan is-sens Kollez. XXIX-I-1203; XXXVI-I- sez. 3, 375). Di pjù, ma għandux jiġi njorat il-fatt li l-attriċi, skond innota tagħha fol. 36, qegħdha tinsisti illi hija, barra minn użufruttwarja tal-assi ta' żewġha hija proprijetarja assoluta tan-nofs indiviż tal-akkwisti konjugali, kompriż il-permess in kwistjoni;

Illi għalhekk l-azzjoni esperita mill-attriċi hija ntempestiva, u ma hemmx, għalhekk, bżonn li jiġu nvestiti l-eċċezzjonijiet l-oħra tal-konvenut;

Għal dawn il-motivi;

Tillibera lill-konvenut mill-osservanza tal-ġudizzju. L-ispejjeż, barra dawk ġa deċiżi, jitħallsu mill-attriċi.